**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**SETTEMBRU 2014**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 2 ta' Settembru 2014 |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' diskussjoni ta' **madwar għaxar minuti** bejn l-eżaminatur u l-kandidat.

Kull kandidat jingħata tliet temi għad-diskussjoni u jagħżel waħda minnhom quddiem l-eżaminatur biex jitkellem dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu ta' Malti tajjeb. F'każ li l-kandidat ma jkunx jaf x'se jaqbad jgħid, l-eżaminatur għandu jgħinu jesprimi ruħu fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsih xi mistoqsijiet intelliġenti biex iħeġġuh ikompli jiddiskuti s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminatur għandu joqgħod attent li ma jispiċċax jitkellem hu biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn qegħdin bħala gwida għall-eżaminatur biss u għalhekk, l-eżaminatur jista' jvarja kemm irid billi jżid u jnaqqas kemm jogħġbu, u jibda minn fejn irid.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

**a. L-iżvilupp tal-ħsieb u r-relevanza tematika** (4 marki)

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni b'rabta mat-tema/mas-suġġett

**b. L-Espressjoni** (6 marki)

- l-użu tal-Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

# GĦALL-UŻU TAL-EŻAMINATURI

## 1. L-ambizzjoni tal-bniedem

- X'inhi l-ambizzjoni?
- X'effetti għandha fuqna u fuq dawk li niġu f'kuntatt magħhom?
- L-ambizzjoni aktarx li tibda tidher miċ-ċokon
- Bniedem mingħajr ambizzjoni ma jasal imkien
- L-ambizzjoni f'diversi oqsma tal-ħajja
- X'inhuma l-akbar ambizzjonijiet taż-żgħażagħ?

## 2. L-għażla tal-karriera

- L-ewwel tħejjija mill-iskola – l-għażla tas-suġġetti
- L-inklinazzjoni aktarx tibda miċ-ċokon; forsi influwenza minn tad-dar
- L-ulied mhux bilfors jagħżlu l-istess karriera tal-ġenituri tagħhom
- Illum hawn ħafna opportunitajiet ta' karrieri varji
- L-għajnuna tal-*guidance teachers* fl-għażla tal-karriera
- Kull sena tittella' l-Fiera tal-Karrieri

## 3. Ir-rispett lejn l-awtorità

- Il-valur tar-rispett
- Ir-rispett irid jibda mill-familja u jitkompla l-iskola
- Għaliex huwa importanti li tirrispetta l-awtorità?
- Bniedem bla rispett ikun mistmerr minn kulħadd
- M'hemmx għalfejn tkun taf l-iskola biex turi rispett
- Ir-rispett tista' turih b'diversi modi

## 4. L-akbar valur fil-ħajja tal-bniedem

- Fil-ħajja nsibu bosta valuri sbieħ
- Possibbli tgħid liema huwa l-akbar valur?
- Il-bniedem ogħla mill-annimal għax għandu l-valuri
- Xi valuri jmorru flimkien, pereżempju, il-valur tal-imħabba u tal-familja
- Kif tkun ħajjet il-bniedem mingħajr valuri?

## 5. Sirna skjavi tat-teknoloġija?

- It-teknoloġija daħlet f'kull qasam tal-ħajja
- It-teknoloġija u l-effiċjenza fix-xogħol
- It-teknoloġija għandha wkoll l-effetti negattivi fuq ħajjitna
- Irridu nikkontrollaw l-użu tat-teknoloġija qabel tikkontrollalna ħajjitna hi
- Kif iħarsu lejn it-teknoloġija l-anzjani

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**SETTEMBRU 2014**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 2 ta' Settembru 2014 |

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

# L-AMBIZZJONI TAL-BNIEDEM

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

AM 22/Iok.14s

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
SETTEMBRU 2014

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 2 ta' Settembru 2014 |

# GĦALL-UŻU TAL- KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

# L-GĦAŻLA TAL-KARRIERA

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**AM 22/Iok.14s**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**SETTEMBRU 2014**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 2 ta' Settembru 2014 |

# GĦALL-UŻU TAL- KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

# IR-RISPETT LEJN L-AWTORITÀ

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**AM 22/Iok.14s**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**SETTEMBRU 2014**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 2 ta' Settembru 2014 |

# GĦALL-UŻU TAL- KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

# L-AKBAR VALUR FIL-ĦAJJA TAL-BNIEDEM

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**AM 22/Iok.14s**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**SETTEMBRU 2014**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA:** | L-Oral |
| **DATA:** | 2 ta' Settembru 2014 |

# GĦALL-UŻU TAL- KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## SIRNA SKJAVI TAT-TEKNOLOĠIJA?

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
SETTEMBRU 2014

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | I |
| **DATA:** | 2 ta' Settembru 2014 |
| **ĦIN:** | mid-9:00 a.m. sa nofsinhar |

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

**Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.**

1. IL-KOMPONIMENT (15-il marka)

*Ikteb komponiment ta' bejn 550 u 600 kelma dwar* ***wieħed*** *minn dawn is-suġġetti:*

a. Faqar il-but minn faqar il-moħħ

b. Is-safar

ċ. X'jgħin u xi jtellef lill-ilsien Malti

d. Il-libertà tal-espressjoni

e. Il-ħajja sabiħa

f. Mis-sema 'l isfel ħadd mhu perfett!

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## 2. IT-TAQSIRA (5 marki)

*Qassar din is-silta fi kliemek f'madwar mitt (100) kelma:*

L-adolexxenza hi kkaratterizzata minn tfittxija għall-identità, għal skop fil-ħajja. Iżda għalkemm hija ħaġa naturali li ż-żgħażagħ jibdew din it-tfittxija kontinwa, bosta drabi ma jkunux jafu x'qed ifittxu. Jippruvaw isibu t-tweġibiet billi jfittxu mudelli fis-soċjetà: fil-familja, fost l-edukaturi, fost il-ħbieb, fost il-mexxejja politiċi u fil-midja.

Ħafna drabi, it-tweġibiet li jsibu aktar iħawduhom u joħolqu aktar pressjoni fuqhom. Iż-żgħażagħ imbagħad jirreaġixxu b'mod li l-kbar ma jifhmuhomx. Iġibu ruħhom differenti minn kif hu mistenni minnhom, u mill-mod kif l-adulti nfushom ġabu ruħhom f'żgħożithom. Għalhekk huma mifhuma ħażin u kkundannati.

Iż-żgħażagħ tal-lum huma akkużati li m'għandhomx valuri. Il-problema vera hi li l-maġġoranza tagħhom għandhom valuri, imma huma differenti mill-valuri tal-kbar. Il-valuri li jiġu l-ewwel fid-dinja tal-kbar huma x-xogħol, il-karriera, is-suċċess, il-konformiżmu, ir-regoli u t-tradizzjoni reliġjuża. Għaż-żgħażagħ huma valuri bħall-ħbiberija, il-komunikazzjoni u r-relazzjonijiet li jiġu l-ewwel.

L-adulti jkejlu s-suċċess fil-ħajja skont kemm jirnexxilhom jagħmlu affarijiet. Għaż-żgħażagħ is-suċċess jitkejjel skont kemm jirnexxilhom ikunu mal-oħrajn, jikkomunikaw mal-oħrajn u joħolqu relazzjonijiet mal-oħrajn.

Meta wieħed jagħraf l-importanza ta' 'dak li tagħmel' għall-adulti u 'dak li int' għaż-żgħażagħ, jintebaħ għaliex iż-żgħażagħ jagħtu daqshekk importanza għall-mod kif iħossuhom: iħossuhom irrabjati, iħossuhom tajjeb, iħossuhom 'tal-ġenn'. U dak li hu verament importanti għalihom hu li jaslu għall-milja ta' ħajjithom. Huma jitħabtu biex jiksbu dan l-iskop billi jesperimentaw u jfittxu s-sens ta' avventura.

Hemm żgħażagħ li jaslu għall-milja ta' ħajjithom permezz ta' xi ideal jew ideoloġija, ta' xi proġett jew meditazzjoni, permezz tar-reliġjon jew saħansitra permezz ta' relazzjoni intima. Oħrajn jippruvaw ifittxuha fid-drogi iżda jiksbuha biss għal ftit waqtiet qosra u wara jħossuhom agħar minn qatt qabel għax id-droga hi artifiċjali. Hi xi ħaġa minn barra u mhix ġejja minn ġo fihom. Importanti li nedukawhom biex jiksbu l-milja tal-ħajja tagħhom mingħajr ma jaqgħu għad-drogi jew għas-sess irresponsabbli.

(Addattata minn *Il-Psikoloġija f'Ħajjitna* ta' Alfred Darmanin SJ)

## 3. IL-LINGWISTIKA MALTIJA (10 marki)

*Agħżel mistoqsija **waħda**:*

a. Uri kif l-element Għarbi baqa' jkollu effett qawwi fil-Malti minkejja l-influwenza tal-Isqalli, it-Taljan u l-Ingliż.

b. Minħabba li Malta hija żgħira u r-riżorsi kapitali tagħha jinsabu fil-fattur uman, barra l-ilsien Malti għandna bżonn nitgħallmu wkoll ilsna barranin, l-iktar l-Ingliż. Ikkummenta.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
SETTEMBRU 2014

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | II |
| **DATA:** | 3 ta' Settembru 2014 |
| **ĦIN:** | mid-9:00 a.m. sa nofsinhar |

**Trid titwieġeb kull taqsima.**

**Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Kull mistoqsija għandha titwieġeb b'rabta sħiħa mat-test.**

## TAQSIMA A
**Il-Poeżija tas-Seklu XX**
(10 marki)

*Wieġeb* ***waħda*** *biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

a. Ir-relazzjonijiet umani jinsġu varjetà ta' esperjenzi fil-ħajja ta' kull wieħed u waħda minna. Ikkummenta kif jidher dan fil-poeżija ta' diversi poeti fl-antoloġija *Il-Poeżija Maltija*.

b. Diversi poeti juru l-apprezzament tagħhom lejn il-pajsaġġ Malti fil-poeżiji li kitbu. Ikkummenta dwar dan b'referenza għal xi wħud mix-xogħlijiet fl-antoloġija *Il-Poeżija Maltija*.

## TAQSIMA B
**Monografiji Poetiċi**
(10 marki)

*Wieġeb* ***waħda*** *biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

a. Pawlu Aquilina jħares lejn tmiem il-ħajja b'mod pożittiv. Iddiskuti dan b'referenza għall-poeżiji miġbura fil-monografija ddedikata lilu.

b. L-allużjonijiet reliġjużi li hemm fil-poeżiji ta' Pawlu Aquilina juru l-fidi kbira li dan il-poeta għandu f'Alla. Ikkummenta.

ċ. Irreferi għal diversi poeżiji fil-monografija ddedikata lil Maria Grech Ganado biex tikkummenta dwar xi wħud mill-emozzjonijiet li tesprimi fil-versi tagħha.

d. Maria Grech Ganado sikwit tipprotesta dwar il-bniedem li hu emarġinat mis-soċjetà u mċaħħad mid-drittijiet umani fundamentali. B'referenza kontinwa għall-poeżiji, iddiskuti dawk l-aspetti poetiċi li jsawru din il-protesta.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA Ċ
## Il-Kritika Letterarja (Poeżija)
(10 marki)

*Agħmel analiżi kritika dettaljata ta'* ***waħda*** *minn dawn iż-żewġ poeżiji:*

(a) **JEWWILLA DAD-DMUGĦ MHUX BIŻŻEJJED?**

Fl-immensità ta' ħajti
tul meded twal ta' mogħdijiet imxewka
li għadhom mhux imterrqa
u oħrajn li ġa mirfusa
minn passi tqal bla ħeġġa
hemm dmugħ li qed jinġema'
fuq xefaq dawn għajnejja;
hemm sħab magħqud lewn iċ-ċomb
li mtaqqal bl-ilmijiet
qed jhedded l-art illejla.

Id-dmugħ qadim tal-bieraħ
li ċarċar fuq ħaddejja
lanqas biss għadu nixef,
għad għadni ntiegħem tiegħu
l-imluħa fuq dawn xufftejja.

Ix-xemx li darba telgħet
biex tħeġġeġ meddet ħajti
iss'ilha żmien li tbiegħdet,
ħalliet il-baħħ warajha
il-baħħ li mtela mill-bieqja ta' dmugħi.

Fl-immensità ta' ħajti
hemm dinja li kuljum qiegħda tiċkien,
tiċkien ma' kull lefqa
li toħroġ imriegħda minn fommi;
ma' kull ġrajja sewdiena
li qed tinseġ disinn din ħajti,
tiċkien ma' kull demgħa
li kuljum qiegħda ssawwar l-għadira
li qed negħreq fiha.

Kemm-il demgħa għad baqa'
sa ma tindamm ġrajjieti?
Jewwilla dad-dmugħ mhux biżżejjed?

Paul Falzon

**JEW**

## (b) IL-FERGĦA TAS-SAGĦTAR

***Lil Marti***

Imbagħad int qtajtli fergħa minn sagħtra,
U jien ressaqtha lejn imnifsejja:
Riħet is-sagħtar riħet il-ġonna:
Ftaħt bibien qalbi – bexxaqt għajnejja,

U rajt fil-mera t'għajnejk kbar, suwed,
Saltna ta' ħlewwa saltna ta' dija;
Rajt ġmiel ix-xefaq bix-xemx imdawwal,
Art, baħar, sema bil-ġmiel miksija

Xuxet is-siġar mar-riħ jitbandlu
Fil-bogħod, fl-għelieqi, fi truf ix-xagħra:
Rajt ġmiel il-ħlejjaq bid-deheb imlibbsa
Tax-xemx, tittawwal minn taħt l-imnara

Tas-sħab imrikkeb għolja fuq għolja
Ta' qawwa ssaħħar minn ħolma mbenna:
Ħolma fuq ħolma, qawwa fuq qawwa,
Tarġa fuq tarġa – taraġ il-ġenna...

........................

Għabet id-dija, għabet il-ħolma:
Għabet, le mietet, Għax dik il-fergħa
F'kexxun imrekkna, sibtha snin wara;
U ma' fwiħitha, ġiet lura l-mera

T'għajnejk kbar, suwed, bi ġmiel ix-xefaq,
Bi ġmiel is-siġar minn żiffa mbenna,
Bis-sħab imlibbes id-deheb u l-ġawhar:
Ħolma fuq ħolma, ġawhar il-ġenna...

George Zammit

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
SETTEMBRU 2014

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | III |
| **DATA:** | 4 ta' Settembru 2014 |
| **ĦIN:** | mid-9:00 a.m. sa 12.00 p.m. |

**Trid titwieġeb kull taqsima.**

**Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Kull mistoqsija għandha titwieġeb b'rabta sħiħa mat-test.**

## TAQSIMA A
## Id-Drama
(10 marki)

*Wieġeb* ***waħda*** *biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

a. F'*Qabel Tiftaħ l-Inkjesta* ta' Alfred Sant il-karattri huma vittmi tal-ambjent politiku li jinsabu fih. Huma jaħsbu u jgħixu skont kif jiddettalhom dan l-ambjent. Iddiskuti.

b. Għal Alfred Sant, f'*Qabel Tiftaħ l-Inkjesta,* kull karattru jgħix f'taqbida kontinwa biex iżomm il-personalità tiegħu waqt li jagħraf il-personalitajiet ta' madwaru. Iddiskuti.

ċ. *Menz* ta' Francis Ebejer hu l-istorja ta' bniedem li, mingħajr ma jaf, qiegħed jisfida soċjetà sħiħa. Iddiskuti l-karattru ta' Menz minn dan l-aspett.

d. *Menz* ta' Francis Ebejer hu dramm dwar l-individwu u l-prinċipji li jsawru personalità ħielsa. Iddiskuti b'referenza għat-test.

## TAQSIMA B
## In-Narrattiva
(10 marki)

*Wieġeb* ***waħda*** *biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

a. Il-problema ta' Leli, f'*Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer, tinsab fil-fatt li hu trabba fi ħdan Ħaż-Żgħir u spiċċa biex sar bniedem differenti. Iddiskuti r-rumanz bħala l-istorja ta' xi ħadd li sab ruħu barrani fl-ambjent tiegħu stess.

b. Iddiskuti l-importanza ta' karattri sekondarji f'*Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer.

ċ. F'*Ħala taż-Żgħożija,* Lino Spiteri jippreżenta sitwazzjonijiet soċjali differenti li lkoll flimkien jipprovdu dehra ġenerali tas-soċjetà. Iddiskuti.

d. *Ħala taż-Żgħożija* jinkludi mhux biss karattri u sitwazzjonijiet reali, imma wkoll ħsibijiet li juru li l-awtur jixtieq jara bidla fis-soċjetà. Iddiskuti kif Lino Spiteri mhux biss ipinġi l-ambjent ta' madwaru iżda wkoll jikkummenta fuqu.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA Ċ**
**Il-Kritika Letterarja (Proża)**
(10 marki)

*Agħmel analiżi kritika dettaljata ta’ **waħda** minn dawn iż-żewġ siltiet ta’ proża:*

(a) Is-Safar – Ċittadini ta’ Art Waħda

Bħala membri ta’ pajjiż inkantaw l-innu nazzjonali u nistqarru li aħna Maltin. Bħala membri tad-dinja, nistqarru li aħna lkoll aħwa ta’ nisel uman wieħed, ċittadini tal-art fejn m’għandhomx jinżergħu differenzi ta’ razza u ta’ ħwejjeġ oħra. Din hi l-ħolma mbiegħda tal-umanità, li ilha li nbdiet tinħaseb: umanità waħda, bnedmin ta’ dinja waħda. Ma jistax ikun hemm ħolma eqdem u isbaħ minn din għaliex fl-aħħar mill-aħħar din ma hi xejn ħlief ix-xewqa l-kbira li hemm mitwielda fin-nies kollha ta’ rieda tajba. Hi l-ħolma dwar dinja li hi mmexxija dejjem, dejjem mill-paċi.

Sakemm kull nazzjon jibqa’ jaħseb fih innifsu u jeħodha kontra l-oħrajn, jew jaħkem fuq ieħor, id-dinja tibqa’ maqsuma, mhux biss skont il-ġografija tal-art iżda wisq agħar skont il-ġografija tal-moħħ. Wieħed mill-aqwa mezzi li jistgħu jġibu l-għaqda u l-ftehim fost il-bnedmin imbiegħda huwa s-safar. Biċ-ċaqliq minn art għal oħra, il-bnedmin jagħrfu li huma aħwa, ulied Missier Wieħed, u jaqblu fil-qofol li jagħmilhom dak li huma, waqt li jifhmu li d-differenzi huma sekondarji u jistgħu jingħelbu.

Is-safar huwa meħtieġ għal kulħadd. Nies li jgħammru f’pajjiżi kbar u importanti jħossu l-ħtieġa li jiċċaqilqu biex jiskopru naħiet oħra tad-dinja. Il-ħtieġa hija wisq akbar għal min jgħix fi gżira ċkejkna bħalna. Meta nsiefru bil-ħsieb li nitgħallmu mill-ispazji bla qies fejn jgħammru ħutna oħrajn, inkunu nistgħu nerġgħu lura f’pajjiżna mogħnija aktar, b’moħħ usa’, b’qalb akbar. Inkunu sirna Maltin aħjar, jiġifieri bnedmin iżjed maturi li jifhmu posthom f’dinja li, għalkemm hi maqsuma f’bosta partijiet, hi waħda.

(Minn *Saghtar*, Marzu 1985)

**JEW**

(b) Ħarsa Twila lejn il-Baħar

Ir-ragħwa tal-mewġ kienet tfexfex fuq ir-ramel, toħloq fiha nnifisha toqob ċkejknin, imbagħad tinfaqa', tisfuma fix-xejn u jibqa' biss ir-raxx tagħha jtir fi qtar żgħar. Wara ftit sekondi l-istess movimenti kienu jerġgħu jibdew. B'hekk kienet dehra mill-isbaħ li wieħed jara fillieri sħaħ ta' mewġ bajdani jersaq bil-għaġla, jirrombla huwa u jħaffef lejn ix-xtajta biex jinfirex fuq ir-ramel u jerġa' lura biex jinbeda proċess ieħor mill-ġdid.

Tessie kienet qiegħda tħares u tixtarr dak kollu. Kienet qiegħda tħares lejn l-immensità tal-baħar u lejn il-misteri li kien jostor ġewwa d-dagħbien tiegħu. Kemm ġrajjiet mistura tal-imgħoddi ra jseħħu quddiemu f'dik il-bajja! Ġrajjiet ta' ferħ u oħrajn ta' niket. Ġrajjiet skont ir-regola m'oħrajn 'il bogħod minnha u hu baqa' hemm... jiġbor kollox ġewwa fih... kaħlani matul il-jum u sewdieni matul il-lejl. Drabi kalm u wenniesi u drabi oħra mgħaddab u ta' theddida.

Tessie tbissmet meta minn moħħha għaddew dawk ir-riflessjonijiet li qatt ma bassret li setgħet taħseb fuqhom. Imma f'dawk il-jiem il-burdati tagħha kienu qegħdin jinbidlu minn waqt għal ieħor. Issa tassew l-avvenimenti bdew iseħħu b'ritmu mgħaġġel. Fil-bidu kienet kawta għax kienet tara li l-affarijiet għadhom 'il bogħod. Imma issa waslu fuqha u f'mument kienet tħossha qiegħda tibża'. Bħal donnha mhix ċerta minnha nnifisha. Bħal dubjuża li mhix se tasal fid-destinazzjoni tagħha. Dak id-dubju li tara t-tama li dejjem ittamat fiha tistax isseħħ jew le.

(Minn *L-Altruwista* ta' Salv Sammut)